MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2010

Appell Kriminali Numru. 391/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Neil Harrison)**
**(Spt. Simon Galea)**
**Vs**
**Adrian Bianchi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala
Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f' dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Awwissu 2000 u fix-xhur qabel dina d-data, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li kisru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b' rizoluzzjoni wahda :-

a) **Forna** jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga **eroina**, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza, dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet

ta' Malta, lill-persuna/i, jew ghall-persuna/i, minghajr ma' kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma' kien awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga msemmija, minghajr ma' kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 taqsima tal-Ordinanza imsemmija, u minghajr ma' kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Ukoll talli kellu fil-**pussess** tieghu d-droga **eroina**, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma' kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma' kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u ma' kienx b' xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Kellu fil-**pussess** tieghu r-**raza** mehuda mil-pjanta **Cannabis** u dan bi ksur tal-artiklu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

d) Kellu fil-**pussess** tieghu l-**pjanta Cannabis** kollha jew parti minnha bi ksur tal-artiklu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

e) F'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Awwissu 2000, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna il-mewt ta' Jason Sammut, iben Emanuel u Carmela nee' Zammit, imwieled Pieta' fis-16.02.76 u detentur ta' karta tal-identita' numru 155676M,

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
tat-23 t'Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-Artikoli 225, 17(b), 20, 22, 23 u 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 4, 8 u 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta w l-Ewwel Skeda w ir-raba' w is-sitt Taqsima tal-istess Kap. 101 u r-Regolament tal-1939 (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, iddikjarat li sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni, t-tielet u l-hames akkuza migjuba fil-konfronti tieghu w ikkundannatu sitt (6) snin prigunerija w multa ta' sebat elef Ewro (€7,000). Il-Qorti ddikjarat lill-appellant mhux hati tar-raba' akkuza migjuba fil-konfronti tieghu w konsegwentement illiberatu mill-istess akkuza.
B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti kkundannatu sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' LM 603.70, liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.
Il-Qorti inoltre ordnat id-distruzzjoni tad-droga w tal-oggetti konnessi mat-tehid tad-droga li gew esebiti f'dawn il-proceduri liema distruzzjoni ghandha ssir taht id-direzzjoni tar-Registratur tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta' Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fejn tikkonferma li l-appellant mhux hati tar-raba' akkuza w cioe' li kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew parti minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, w tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha migjuba kontrih u fin-nuqqas tirriforma l-piena billi tapplika sentenza anqas harxa fic-cirkostanzi kollha ga msemmija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat l-aggravji tal-appellant li huma s-segwenti :-

1. Illi hemm dubju serju dettat mir-raguni kemm verament kien l-appellant li forna z-zewg qratas ta’ l-eroina fil-gurnata tat-2 t’Awwissu, 2000 lill-imsemmi Leon David Madden jew lill-istess Jason Sammut u dan meta tiehu l-provi kollha li jibbalancjaw fuq naha jew fuq ohra meta l-provi tad-difiza jwasslu certament ghall-livell probatorju illi aktar iva milli le li t-tezi difensjonali tregi;
2. Illi ma taghmel l-ebda sens legali lejn dak li gie kwotat fis-sentenza ta’ l-Ewwel Qorti, li persuna li tkun bieghet qartas jew tnejn eroina, tibqa’ kriminalment responsabbli u hatja ta’ omicidju involontarju jekk persuna tiddeciedi hi stess li taghmel overdose u aktar meta fin-normalita’ ta’ kif jigru l-affarijiet fil-hajja ta’ kuljum dawk li huma fil-vizzju tad-droga jkunu jafu kif ghandhom jiehdu d-droga mill-qartas li jkunu xtraw;
3. Ili jekk l-appellant verament kien hu li biegh il-qartas tad-droga eroina, huwa qatt ma seta’ f’test soggettiv ladarba kienu xtraw f’okkazzjonijiet ohra, illi b’mod generiku seta’ jigri l-overdose b’nuqqas ta’ hsieb minn naha ta’ l-appellant;
4. Illi ladarba kien l-istess Leon David Madden li ta u prepara l-injezzjoni ghall-mejjet Jason Sammut fil-gurnata tat-2 t’Awwissu, 2000 u li l-istess Qorti diversament preseduta ma sabitx hati lill-imsemmi Leon David Madden hati ta’ l-akkuza ta’ l-omicidju involontarju ta’ Jason Sammut, kemm allura tista’ tiggustifika li persuna li ma kellha l-ebda kontroll, hi fuq l-istess qartas li tkun hi l-persuna resposnabbli ghall-omicidju involontarju ta’ l-istess Jason Sammut;
5. Illi l-prova li l-prosekuzzjoni riedet taghmel dwar il-karta ta’ dan il-qartas partikolari li skond ir-relazzjoni ta’ l-espert a fol. 277 tal-process, jikkonkludi : “Kull pitazz simili ghal 00CCC900 minghajr pagni neqsin huwa logikament eskluzi mill-possibilita’ li minnhom originaw il-qratas 00CCH01 u 00CCC206(2). Il-kuntrarju, jigifieri, li l-qratas 00CCH01 u 00CCC206(2) possibilment originaw minn xi pitazz simili ghal 00CCC900 li fih pagni neqsin. Madankollu, l-osservazzjonijiet indikati fil-paragrafu (c) hawn fuq, ixaqilbu aktar lejn il-possibilita’ li l-origini tal-

qratas 00CCH01 u 00CCC206(2) kien mill-pitazz 00CCC900”, meta din ma tikkostitwix bhala porva fil-konfront tal-appellant, meta hawnhekk qeghdin fil-kamp ta’ possibilita’ li zgur ma hux il-livell rikjest bhala piz ta’ prova fl-Awla tal-provi kriminali;
6. Illi l-qorti applikat piena harxa fil-konfront ta’ l-appellant u in partikolari meta applikat sentenza fil-massimu taghha meta l-istess appellant kull ma kellu fil-fedina penali tieghu kienet sentenza tas-27 ta’ Marzu, 1996 meta kien ha probation ghal perjodu ta’ sena fuq serq ta’ part speakers minn vettura, w meta l-istess appellant fil-perjodu tal-kaz kien diga’ fdat b’xoghol fiss ma kumpanija li tissuplixxi l-fuel.

Ikkunsidrat :

Ghal dawk illi huma l-fatti din il-Qorti taghmel referenza, a skanz ta’ ripetizzjoni, ghall-esposizzjoni cara w grafika maghmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha minn pagna 6 et. seq. Pero’ fil-qosor li gara kien is-segwenti :

Fit-2 t’Awwissu tas-sena 2000 zewgt ihbieb Jason Sammut u Leon David Madden iddecidew illi jixtru qartas eroina wara illi kienu ilhom jabbuzaw minn din id-droga xi sitt xhur. Kien Sammut li somministra l-injezzjoni lil Madden u wara li dan ta’ l-ahhar storda, Sammut issomministra l-injezzjoni wahdu. Madden jghid illi meta huwa gie f’sensieh sab lil Jason Sammut fuq is-siggu bis-siringa ma’ l-art hdejh mitluf minn sensieh. Issejjah it-tabib mill-Mosta Health Centre Dr. Joseph Scerri li ccertifika lil Sammut mejjet. Il-kawza tal-mewt kienet “overdose”.

Leon David Madden xehed f’dawn l-atti u ta l-verzjoni tieghu ta’ dan l-incident kif ukoll minn fejn kienu gabu d-droga w cioe’ min ghand wiehed maghruf bhala “il-koku” li sussegwentement identifikah bhala l-imputat fil-kawza odjerna.

Meta l-Pulizija kelmu lill-imputat Adrian Bianchi rrilaxxja stqarrija esebita a fol. 31 u 32 tal-process fejn ikkonferma illi kien maghruf bil-laqam tal-“koku”. Ghall-ewwel cahad li

kien ibiegh l-eroina izda mbaghad, aktar tard, ikkonferma illi dak inhar tat-2 t'Awwissu 2000 huwa kien biegh zewg pakketti eroina ghal ghoxrin lira (LM 20) lil wiehed illi kienu jsejjhulu l-Ingliz li sussegwentement gie identifikat bhala Leon David Madden.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat qal li sar jaf bil-mewt ta' Jason Sammut l-ghada waqt li kien bit-truck tax-xoghol u sema' l-ahbar fuq ir-radio. Qal ukoll illi kien iddispjacih ghal dak illi kien gara lil Jason Sammut.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (ara fol. 442 sa fol. 467) fejn innega dak kollu li kien qal fl-istqarrija minnu rrilaxxjata w qal li ma kienx minnu li kien qal l-affarijiet indikati fl-istqarrija w kien beda jirrispondi kollox fl-affermattiv sabiex jehles ghaliex beda jinkwieta ghal ommu u missieru. Cahad illi qatt biegh droga lil Leon David Madden u qal illi ma kienx jafu u spjega illi ammetta certa involviment sabiex jehles mill-paroli ghaliex kellu f'mohhu ommu u missieru.

Ikkunsidrat :

Ghal dawk illi huma l-argumenti tad-difiza, l-abbli Avukat difensur spjega illi jekk kien minnu illi l-appellant forna d-droga, dana ma kellux ikun responsabbli ghal mewt peress illi min jixtri d-droga ghandu r-responsabilita' jiddeciedi x'jaghmel biha. L-persuna li tkun forniet id-droga ma jkollix "foreseability" fuq dak illi bi hsiebu jaghmel l-akkwerent. Huwa dak li somministra d-droga illi kellu jkun responsabbli ghal mewt ta' Sammut. Terga, ma kienx hemm kollegament bejn id-dorga li inxtrat u dak li intuzat sabiex torbot il-konnessjoni mal-appellant u anki jekk kien hemm din il-konnessjoni l-appellant ma kellu l-ebda kontrol fuq dak li kien se jaghmel Sammut. Ukoll li l-istqarrija kellha tigi skartata l-ghaliex l-appellant ma kienx f'sitwazzjoni jirrispondi l-verita' minhabba l-preokkupazzjoni li kellu illi kien sejjer jinkwieta lil ommu u lil missieru.

Ikkunsidrat :

Jibda biex jinghad illi ma rrizulta l-ebda agir skorrett minn naha ta’ l-investigaturi li jwassal ghan-nullita’ jew l-isfilz tal-istqarrija maghmula mill-appellant.

Irrizulta car illi l-appellant gie moghti l-ghazla qabel ma beda l-interrogazzjoni u setgha liberament jaghzel li jirrispondi d-domandi jew le.

Biex stqarrija tigi censsurata jridu jirrizultaw theddid, intimidazzjoni, promessi jew suggerimenti, minn nahha tal-investigaturi, izda xejn minn dawn ma rrizulta hlief l-allegazzjoni tal-appellant fl-arja illi waqt li kien qed jigi interrogat, il-Pulizija kienu aggressivi fil-konfront tieghu. Sa fejn kienu aggressivi u b’liema mod l-appellant ma jghidx u din id-dikjarazzjoni generika ma tistax twassal ghall-estremi ta’ vizzju tal-istqarrija maghmula. Ghalhekk il-Qorti tasal biex tikkonvinci ruhha li l-ewwel stqarrija mghamula mill-appellant kienet wahda veritiera kif wara kollox giet konfermata bix-xhieda ta’ Leon David Madden lill-Pulizija kif ukoll lill-Qorti.

Ikkunsidrat :

Ghal dawk illi huma l-fatti din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tad-difiza illi r-responsabilta’ tal-uzu tad-droga jaqa’ biss fuq min juzaha jew jixtriha izda mhux fuq min iforni d-droga. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ferm studjata w elaborata tal-Ewwel Qorti fejn dahlet f’din il-kwistjoni fil-fond u ma thossx illi tista’ ggib xi argumenti godda oltre dawk illi gabet l-Ewwel Qorti. Biss trid tiddikjara b’mod car u inekwivoku illi min iforni d-droga specjalment id-droga eroina ghandu jipprevedi l-konsegwenzi tal-fornitura tieghu. D-droga eroina hija droga perikoluza hafna w mhux kulhadd jiflah ghaliha l-istess kif gie tajjeb spjegat mill-Ispizjar Mario Mifsud u jista’ jkun hemm persuni illi ma jifilhux lanqas ghal doza zghira ta’ eroina b’konsegwenzi fatali ghalihom. Ghalhekk min iforni d-droga ghandu jkun jaf illi jista’ jkun hemm dawn il-konsegwenzi, kwindi huwa f’posizzjoni jipprevedi dak illi jista’ jigri bil-fornitura tieghu. Ghalhekk l-appellant bhala fornitur tad-droga kellu jkun f’posizzjoni li jipprevedi l-mewt ta’ persuna bl-agir tieghu. Madankollu pero’ ma

qaghadx iqies il-konsegwenzi tal-agir tieghu u ghal semplici ghoxrin lira (LM 20) biegh il-hajja ta’ persuna !!

Bhal ma ghamlet l-Ewwel Qorti din il-Qorti wkoll issib illi l-verzjoni moghtija mill-appellant quddiem il-Qorti ma kienitx wahda veritiera w mhux il-kaz li jigi disturbat l-apprezzament tal-Ewwel Qorti meta dina kellha quddiemha lill-appellant fuq il-pedana tax-xhud u setghet tapprezza mhux biss il-kontenut tax-xiehda izda wkoll l-imgieba w l-komportament tieghu.

Kif ghallmet il-kawza l-Pulizija vs Carmelo Schembri tat-28 t’April, 1995 *hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kemm fil-kaz ta’ Appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll f’kaz ta’ Appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) “li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet raggjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondiet tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx raggjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.”*

Din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondiet tas-sentenza tal-Ewwel Qorti u waslet ghall-konkluzzjoni illi fuq il-provi illi kellha quddiemha l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Ghalhekk mhux il-kaz li dik is-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------